# L-94 Jum Dinji ta' l-EMIGRANTI u r- REFUĠJATI

Għeżież ma u pa,

Domt ftit ma ktibtilkom u naħseb inkwetajtu xi ftit għalija. Jiddispjaċini. Ħallejt ftit taż-żmien igħaddi biex nilħaq nissetilja ftit.

Wara li tlaqt mid-dar kelli vjaġġ twil u riskjuż. Uħud minn sħabi li telqu miegħi ma rnexxilhomx jaslu l-art. Ikolli ngħid li qalbna kienet ttaqtaq il-ħin kollu. Bejn il-folla li konna, bejn il-baħar li kultant kien jitqawwa, bejn li ma nafux x'ser insibu, konna qisna werqa mtajra mir-riħ. Ftakart f'Abraham missierna meta telaq minn Ur tal-Kaldej lejn l-art li Alla kellu jurih. Tlifna kull sigurta' u fhimna x'jiġifieri tkun fqir u x'jiġifieri tafda fil-provvidenza t'Alla. Ippruvajt niftakar x'ħass San Pawl fil-vjaġġ tiegħu lejn Ruma. Fl-aħħar wasalna.

Meta nżilna l-art sibna lil min jagħtina merħba kiesħa bl-uniformi. Ħafna mistoqsijiet, ħafna drabi filliera wara xulxin.

Ħafna drabi ħassejna ruħna qisna l-impestati jew il-kriminali. Imma talanqas ma nsterqitilniex id-dinjita' tagħna. Ma stajniex nippretendu affariet, la ikel, la ħwejjeġ, la ħaġa u lanqas oħra. Imma r-rispett lejna ma naqasx.



X'ħin fl-aħħar sibna ruħna barra, ħadna r-ruħ, tmattarna u ħassejna li konna ħajjin mill-ġdid. Imma kien għad baqa'. Kellna diffikultajiet bil-lingwa, kellna diffikultajiet fi drawwiet u mentalitajiet differenti, ambjent kompletament differenti li ridna naraw kif nadattaw ruħna. Ridna nsibu xogħol bla ma jisfruttawna, imma xorta l-ħajja kienet iebsa daqs il-ħobż iebes li kultant kien ikollna nieklu. Issa m'aħniex ħażin, imma din l-esperjenza qed tgħallimna li aħna kontinwament pellegrini, ma aħniex f'pajjiżna.

Issa m'aħniex ħażin imma f'qalbna nġorru t-tifkiriet ta' tfulitna, it-tbatija li għaddejna minnha u l-esperjenzi sbieħ li
għaddejna fil-familja.

**Homework:** Matul din il-ġimgħa itlob għall-emigranti tagħna u sellem bir-rispett lir-refuġjati madwarna.

*Mons Karm Gauci, Arċipriet Għarb*

## It-Talba tal-ġimgħa



*Mulej Ġesu', għin mhux biss lir-refuġjati tad-dinja kollha imma wkoll lil dawk li b'ġenerożita' kbira jaħdmu għalihom.*



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

FESTA TAL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ tas-Sena A - Id-39 Sena (2025) 13 ta' Jannar 2008

## "Fih sibt l-għaxqa tiegħi"



**Mill-Vanġelu ta' San Mattew.** *Mt. 3, 13-17.*

F'dak iż-żmien: deher Ġesu ġej mill-Galilija lejn il-Ġordan għand Ġwanni biex jitgħammed minnu. Imma Ġwanni ma ħalliehx, u qallu: "Jiena hu li jeħtieġli nitgħammed minnek, u inti tiġi għandi?" Ġesu' qallu: "Int għalissa ħallik minn dan, għax hekk jixraq nimxu biex inkunu għamilna u temmejna s-sewwa kollu". Imbagħad Ġwanni ħallieh jitgħammed. Ġesu' wara li tgħammed, minnufih tela' mill-ilma; u wara is-smewwiet infetħu, u ra l-Ispirtu ta' Alla nieżel qisu ħamiema u jieqaf fuqu. U mis-smewwiet instema' leħen igħid: "Dan hu Ibni l-għażiż: fih sibt il-għaxqa tiegħi"

**Aħseb ...**

- Ġesu' fil-fila mal-midinbin biex jitgħammed minn Ġwanni.
- Ġesu' ma' kellu ebda dnub, imma kien qiegħed jerfa' d-dnubiet tagħna lkoll.
- Ġesu', l-Emanweli Alla magħna u fostna l-midinbin biex jerfana' għall-istat tal-grazzja.
- Aħna nitgħammdu fi Kristu, biex neħilsu mid-dnub u nsiru wlied Alla flimkien ma' Ġesu'.
- Tapprezza dan ir-rigal tal-Magħmudija li biha għandek lil Alla bħala Missier ?
- Tgħix bir-responsabilta' dak li titlob minnek il-Magħmudja ?

**TALBA:** Mulej Ġesu' Int ridt tagħmel lilek innifsek ħaġa waħda magħna l-midinbin anke fil-magħmudija tiegħek; agħmel li nifhmu d-dinjita' li tagħtina f'dan